

32006E0031

L 19/38

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.1.2006

**POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/31/PESK****tat-23 ta' Jannar 2006****li ġġedded il-miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Liberja <sup>(1)</sup> sabiex jiġu implimentati l-miżuri imposti kontra l-Liberja mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1521(2003).
- (2) Fit-22 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/902/PESK <sup>(2)</sup> li testendi l-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK għal perijodu ta' 12-il xahar, skond UNSCR 1579 (2004).
- (3) Fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-Liberja, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-20 ta' Diċembru 2005 adotta r-Riżoluzzjoni 1647 (2005) li ġġedded il-miżuri restrittivi imposti minn UNSCR 1521(2003) għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.
- (4) Il-miżuri imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK għandhom għalhekk jiġu mġedda għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar b'effett mit-23 ta' Diċembru 2005 sabiex jingħata effett lil UNSCR 1647(2005),

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

1. Il-miżuri imposti b'Artikoli 1 u 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK għandhom jiġu applikati għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor skond kwalunkwe Riżoluzzjoni rilevanti fil-ġejjieni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

2. Il-miżuri imposti b'Artikoli 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK għandhom jiġu applikati għal perijodu ulterjuri ta' sitt xhur, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor skond kwalunkwe Riżoluzzjoni rilevanti fil-ġejjieni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

*Artikolu 2*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tkun applikabbli mit-23 ta' Diċembru 2005 sat-22 ta' Diċembru 2006.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Jannar 2006.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. PRÖLL

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, 12.2.2004, p. 35.

<sup>(2)</sup> ĠU L 379, 24.12.2004, p. 113.